# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 660/2022 JVC**

**Maria-Iris Felice-Klaumann (ID. 0189874M), u ghal kull interess li jistghu jkollhom zewgha George qelice (ID. 0820851M) u uliedha Katrina Anna Felice (ID. 033601L) u Hanna Marie Felice (ID. 0029904L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria-Iris Felice-Klaumann et li talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici Maria-Iris Felice-Klaumann, bint Bernard Johann Klaumann u Dorothea Margarete Klaumann nee' Paetsch twieldet gewwa Attard, Malta fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgha u sebghin (1974), kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha numru ta' Iskrizzjoni elf tmien mija u tmienja u disghin tas-sena elf disgha mija u erbgha u sebghin (1898/1974), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija hawn annessa u mmarkata Dokument A;

2. Illi l-attrici Maria-Iris Felice-Klaumann u zewgha George Felice zzewgu fit-tnjen (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) gewwa Pulheim, Germania, u dana hekk kif jidher mill-hawn anness estratt tal-"Family Register", mahrug mir-Registru ta' Pulheim (Germania) bin-numru tnejn tnejn erbgha (224), hawn anness u mmarkat bhala Dokument B, u mit-traduzzjoni ta' l-istess ghall-ilsien Ingliz (Dokument C) (stante li l-Original huwa bil-lingwa Germaniz) u anke mill-hawn anness estratt tar-registrazzjoni ta' dak l-istess zwieg mahrug mis-Civil Registru Office of Pulheim, hawn anness u mmarkat bhala Dok D;

3. Illi hekk kif jirrizulta mill-imsemmija Dokumenti B, C u D, maz-zwieg, l-esponenti ghazlet li kunjomha wara dan l-istess zwieg kellu jkun Felice-Klaumann;

4. Illi hekk kif jirrizulta mill-Iskrizzjoni tal-Att taz-Zwieg hawn Malta li ggib in-numru sitta sebgha sebgha tas-sena elfejn u wiehed (677/2001), li hija annessa u mmarkat bhala Dokument E, hemm erronjament indikat li maz-zwieg l-attrici ghazlet li taddotta l-kunjom ta' zewgha wara dan iz-zwieg taghhom – haga li assolutament ma huwiex minnu;

5. Illi l-esponenti ma kienet taf xejn dwar dan l-izball sakemm ricentement meta marret biex tbiddel il-karta ta' l-identita' taghha, l-esponenti saret taf illi isimha kien ser jigi indikat biss bhala "Maria" (minflokk Maria-Iris) u kunjum l-esponenti gie indikat biss bhala "Felice" (minflokk Felice-Klaumann). Ghal kull buon fini, qed tigi hawn annessa screenshot tal-pagna relattiva tar-Registru Elettorali minn fejn jirrizulta ukoll illi isem l-esponenti bhalissa jinsab indikat biss bhala "Maria" (minflokk Maria-Iris) u kunjum l-esponenti bhalissa jinsab indikat biss bhala "Felice" (minflokk Felice-Klaumann) – kopja ta' l-istess screenshot hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument F;

6. Illi fid-19 ta' Awwissu 2001 lill-attrici Maria-Iris Felice-Klaumann u l-attur George Felice twieldetilhom tifla, Katrina Anna Felice (ID. 033601L), u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha numru ta' Iskrizzjoni tlett elef, tlett mija u sittin tas-sena elfejn u wiehed (3360/2001), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument G;

7. Illi fis-17 ta' Jannar 2004 lill-attrici Maria-Iris Felice-Klaumann u l-attur George Felice twieldetilhom tifla, Hanna Marie Felice (ID. 0029904L), u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha numru ta' Iskrizzjoni mitejn u disgha u disghin tas-sena elfejn u erbgha (299/2004), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument H;

8. Illi skond ma jirrizulta mill-precitati certifikati ta' twelid tal-fuq imsemmija Katrina Anna Felice (ID. 033601L) u Hanna Marie Felice (ID. 0029904L) (Dokumenti G u H rispettivament), isem l-omm, cioe' tal-attrici huwa erronjament indikat bhala "Maria Felice-Klaumann" minflokk kif korrettement kellu jkun bl-isem "Maria-Iris" u bil-kunjom "Felice-Klaumann";

9. Illi l-attrici Maria-Iris Felice-Klaumann minn dejjem kienet u hija konsistentement maghrufa bl-isem korrett taghha, cioe' "Maria-Iris" u bil-kunjom korrett taghha, cioe' "Felice-Klaumann", u dana jirrizulta mill-att ta' twelid taghha Dokument A, mill-licenzja taghha biex hija tkun tista' tezercita l-professjoni medika hawn Malta (vide l-anness Dokument I), mic-Certifikat mahrug mill-Kumitat ta' l-Approvazzjoni dwar Specjalisti Medici (vide l-anness Dokument J), mir-Registru Mediku mizmum mill-Kunsill Mediku a tenur tal-Artikolu 11. (1)(a)(b)(c) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap 464 tal-Ligijiet ta' Malta) (vide l-anness estratt Dokument K) (il-pagna relattiva tal-istess mir-Registru Mediku (li hu disponibbli fuq is-sit elettroniku https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Documents/registers/mcdocsfull.pdf), u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

10. Inoltre, anke l-karta ta' l-identita' kurrenti (vide l-anness Dokument L), jindika isem l-attrici bhala "Maria Felice-Klaumann" minflokk kif korrettement kellu jkun bl-isem "Maria-Iris" u bil-kunjom "Felice-Klaumann";

11. Illi anke l-passaport (antik) tal-attrici (vide l-anness Dokument M), jindika isem l-attrici bhala "Maria Felice-Klaumann" minflokk kif korrettement kellu jkun bl-isem "Maria-Iris" u bil-kunjom "Felice-Klaumann";

12. Illi ghal ragunijiet mhux maghrufa, fuq estratt tac-certifikat ta' twelid aktar ricenti tal-esponenti (vide l-anness Dokument N), anke isem l-istess esponenti huwa indikat bhala "Maria" minflokk kif korrettement kellu jkun bl-isem "Maria-Iris";

13. Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (numru ta' Iskrizzjoni elf tmien mija u tmienja u disghin tas-sena elf disgha mija u erbgha u sebghin (1898/1974)) intestat "Isem il-Wild" b'riferenza ghall-attrici, jigi korrett b'mod li korrettement jitnizzel l-isem "Maria-Iris" kif fil-fatt l-attrici jisimha – vide l-anness Dokument A;

14. Illi hemm bzonn ukoll li fl-Att taz-Zwieg (Iskrizzjoni numru sitta sebgha sebgha tas-sena elfejn u wiehed (677/2001)) (Dokument "B") fejn hemm imnizzel "The wife chose to adopt the surname of her husband after marriage" dawn il-kliem jithassru u minflok jitnizzlu il-kliem "The wife is going to attach her maiden name after the name of her husband effectively from 02 October 2000 her surname shall now be Felice-Klaumann";

15. Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni numru tlett elef, tlett mija u sittin tas-sena elfejn u wiehed (3360/2001)) (Dokument "G") fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

16. Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni numru mitejn u disgha u disghin tas-sena elfejn u erbgha (299/2004)) (Dokument "H") fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

17. Illi l-atturi jixtiequ il-posizzjoni taghhom tigi regolarizzata u li jigu effetwati t-tibdiliet necessarji sabiex l-atti ufficjali taghhom

fuq imsemmija kolha jirriflettu l-isem u l-kunjom korrett tal-attrici;

18. Illi l-ligi ttihom din il-fakulta a tenur tal-Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) (senjatament l-Artikolu 253(1) u (2) u anke l-Artikolu 256 tal-istess Kodici Civili);

Ghalhekk l-atturi jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, a tenur tal-Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili ta' Malta, u prevja li jinghataw dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li huma necessarji u/jew opportuni, kompriz li tordna li jsiru l-pubblikazzjonijiet u avvizi kontemplati fl-Artikolu 254 tal-Kodici Civili:

1. Tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 1898/1974 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestat "Ismijiet Moghtija" u kif ukoll f'dik intestata "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" b'riferenza ghall-attrici, jigu korretti b'mod li korrettement jitnizzel l-isem "Maria-Iris maghrufa bhala Maria" kif fil-fatt l-attrici jisimha u hija maghrufa;

2. Tordna illi l-Att taz-Zwieg iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 677/2001 jigi korrett fis-sens illi, fejn hemm imnizzel "*The wife chose to adopt the surname of her husband after marriage*" dawn il-kliem jithassru u minflok jitnizzlu l-kliem "*The wife is going to attach her maiden name after the name of her husband effectively from 02 October 2000 her surname shall now be Felice-Klaumann*";

3. Tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 3360/2001 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem

"Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici attwalment jisimha u hija maghrufa;

4. Tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 299/2004 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici attwalment jisimha u hija maghrufa;

5. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attrici, kompriz fil-karta ta' l-identita' u anke fil-passaport ta' l-istess attrici, u anke fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi l-ohra kull fejn jehtieg;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjon.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi fil-preżent, l-isem sħiħ tagħha huwa 'Maria Felice' u mhux 'Maria-Iris Felice-Klaumann';

2. Illi preliminarjament ukoll, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

4. Illi mill-att tat-twelid tar-rikorrenti, innumerat 1898/1974, jirriżulta li hija twieldet f'Malta, u li ingħatat l-ismijiet 'Maria, Iris', b'dan illi 'Maria' huwa indikat bħala l-isem kif għandha tissejjaħ. Vera kopja tal-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 1';

5. Illi r-rikorrenti tispjega li minn dejjem kienet magħrufa bħala 'Maria-Iris', u li maż-żwieġ għażlet li żżid kunjomha wara kunjom żewġha, b'tali mod li l-isem li hija komunement magħrufa bih huwa 'Maria-Iris Felice-Klaumann'. Għaldaqstant bdiet il-proċeduri odjerni bil-għan li l-anomaliji f'isimha u kunjomha jiġu indirizzati;

6. Illi l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali, biss jirrileva illi hemm ċerti ineżattezzi fit-talbiet li għandhom jiġu indirizzati qabel din l-Onorabbli Qorti tgħaddi l-ġudizzju finali tagħha;

7. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, l-esponent jirrileva illi għandha tintalab korrezzjoni stante li l-kolonna intestata 'Isem il-Wild' teżisti biss fl-estratti, u mhux ukoll fl-atti oriġinali tal-istat ċivili. Isegwi għalhekk illi sabiex isem ir-rikorrenti jiġi indikat kif mitlub, jeħtieġ li l-korrezzjonijiet isiru fil-kolonni intestati 'Ismijiet Mogħtija' u 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ'. In oltre, sabiex tiġi evitata konfużjoni bla bżonn, u sabiex ikun tassew

rifless il-fatt li r-rikorrenti hija komunement magħrufa bħala 'Maria-Iris', kif tisħaq hija stess fil-premessi tar-rikors ġuramentat tagħha, l-esponent huwa tal-fehma illi l-isem 'Maria-Iris' għandu jitniżżel kemm fil-kolonna intestata 'Ismijiet Mogħtija' kif ukoll f'dik intestata 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ'. Dan anke sabiex ikun hemm uniformità fil-mod kif isem ir-rikorrenti jiġi indikat fl-atti tal-istat ċivili kollha li jappartjenu lilha, inkluż fuq l-Att taż-Żwieġ, u fuq l-Atti tat-Twelid ta' uliedha kemm-il darba l-Qorti tilqa' t-tielet u r-raba' talba attriċi;

8. Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv.

9. Illi fir-rigward tal-ħames talba wkoll, l-esponent jirrileva illi huwa mhux responsabbli għall-ħruġ ta' dokumenti uffiċjali bħal ma huma l-karta tal-identità u l-passaport, u għalhekk ma jistax jiġi ordnat iwettaq xi tibdil f'tali dokumenti uffiċjali li mhumiex fil-kompetenza tiegħu stante illi mhumiex atti tal-istat ċivili ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-

esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

**Ikkunsidrat:**

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 27 u 28 tal-process.

Fil-mertu l-Qorti rat mid-dokumentazzjoni ampja li pprezentaw ir-rikorrenti mar-rikors guramentat, partikolarment anki passaport mahrug mill-awtoritajiet Maltinm illi dwar il-kunjom m'ghandux ikun hemm kontestazzjoni illi hija hadet il-kunjom Felice-Klaumann maz-zwieg.

Illi dwar l-isem jirrizulta kemm mill-affidavits esebiti llum stess u kif ukoll mill-att tat-twelid stess illi l-intenzjoni kienet cara li r-rikorrenti tkun jisimha Maria-Iris.

In vista ta' dawn il-provi fl-atti l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn

huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 1898/1974 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonni intestati "Ismijiet Moghtija" u kif ukoll f'dik intestata "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" b'riferenza ghall-attrici, jigu korretti b'mod li korrettement jitnizzel l-isem "Maria-Iris" kif fil-fatt l-attrici jisimha u hija maghrufa f'dawn iz-zewg kolonni, bir-rizultat li fil-kolonna nstestata "ismijiet moghtija" jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u kif ukoll, fil-kolonna ntestata "isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" jitnizzel l-isem "Maria-Iris"[1];

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-Att taz-Zwieg iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 677/2001 jigi korrett fis-sens illi, fejn hemm imnizzel "*The wife chose to adopt the surname of her husband after marriage*" dawn il-kliem jithassru u minflok jitnizzlu l-kliem "*The wife is going to attach her maiden name after the name of her husband effectively from 02 October 2000 her surname shall now be Felice-Klaumann*";

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 3360/2001 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici attwalment jisimha u hija maghrufa;

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 299/2004 jigi korrett fis-sens illi,

[1] Korrezzjoni tas-sentenza skont digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Novembru 2022.

fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Maria" u l-kunjom "Felice Klaumann" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Maria-Iris" u l-kunjom "Felice-Klaumann", kif fil-fatt l-attrici attwalment jisimha u hija maghrufa;

6. Tilqa' l-hames talba limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

7. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Novembru 2022**